## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR KEITH SCERRI) V. OMAR ISMAIL ABDIMALIK (KI. 110433A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Diċembru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Awwissu 2023 illi permezz tagħha bis-saħħa tal-Art. 22(2) tal-Kap. 101 ordnat illi Omar Ismail Abdimalik ta' 29 sena, iben Omar Ismail u Ferdosa Jama, mwieled l-Etjopja nhar is 07/02/1994, residenti ġewwa 117, Triq il-Kbira, Gudja, detentur tal-permess ta' residenza Maltija numru 0110433A ("l-imputat") jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[1],

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra l-imputat li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2023 mixli illi ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin, nhar l-24 ta' Awwissu 2023 għal-ħabta ta 00:15 ta' filgħodu:

1. **Biegħ jew xort' oħra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. **Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

[1] Fol 11

3. **Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

4. **Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

5. **Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

6. **Ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta'Malta.**

7. **Talli sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Imħallef Dr Giovanni M. Grixti LL. D nhar il-1 ta' Ottubru 2020, u mil-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D nhar is-16 ta Settembru 2022 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula.**

wara li rat illi ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 semgħet it-trattazzjoni finali magħmula:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni mill-Ispettur Keith Scerri, u
- għan-nom tal-imputat mill-Avukat Dr. Christopher Chircop,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

*Provi tal-Prosekuzzjoni*

1. Fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2023 xehed **Emanuele Santo** li spjega illi fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu 2023, għal xi l-ħdax u nofs, nofs il-lejl, huwa kien qiegħed jippassiġġa San Ġiljan viċin ħanut tat-*tattoos* u restaurant bl-isem ta' "*Da Nennella*" meta resaq lejn l-imputat u saqsieh jekk kellux ħaxixa għall-bejgħ. Dan wieġbu fl-affermattiv u offrilu li jbiegħlu tlett (3) grammi għal erbgħin euro (€ 40). Huwa ħallsu b'żewġ karti ta' għoxrin euro (€ 20)-il wieħed iżda qabel ma newwilulu laħqu ġew il-Pulizija. Il-ħaxixa laħaq raha u kienet f'borża trasparenti. Ix-xhud għaraf illi l-ħaxixa li xtara kienet dik fil-borza esebita bħala Dok J. In kontroeżami meta mistoqsi jekk il-ħaxixa qattx kienet f'idejh huwa stqarr illi momentarjament kienet għandu iżda imbagħad waslu l-Pulizija.

2. Fil-5 ta' Settembru 2023 xehed l-Ispettur **Keith Xerri** li ddikjara li kienet qed jesebixxi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-konfront tal-imputat fl-1 ta' Ottubru 2020 mill-Imħallef Giovanni Grixti. Għal kull bwon fini l-Qorti tara li s-sentenza esebita a fol 34-39 filfatt hija sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali.

3. Fl-istess ġurnata xehed ukoll **PS 525 Johan Parnis** li spjega kif fl-24 ta' Awwissu 2023 għal ħabta ta' nofsillejl kien qiegħed *patrol* flimkien ma' PC 446 Joseph Mifsud fi Triq San Ġorġ, Paceville, bejn l-istabbilimenti *Burger King* u *Spar*, meta nnuttaw erba' persuni li kienu qed jaġixxu b'mod suspettuża. Marru fuqhom, huwa ħa l-ewwel tnejn filwaqt li PC 446 ħa t-tnejn l-oħra li kienu fuq ix-xellug. Sakemm mar fuq iż-żewġ persuni, meta kien qiesu erba' metri 'l bogħod minnhom, huwa ra sseħħ transazzjoni bejniethom u x'ħin wasal mar fuq persuna minnhom li kellu borża tal-plastik b'dik li kienet tidher ħaxixa ġewwa fiha u ħadilu minn idejh. Dan il-persuna kien l-imputat li huwa seta' jagħraf fl-awla. Huwa għaraf il-borża bis-sustanza allegatament ħaxixa bħala dik esebita bħala Dok J. Huwa saħaq li dak il-ħin il-borża kienet *"fil-proċess ta' żewġ idejn"*. Huwa ġibed fil-ġenb lill-persuna l-oħra, l-Isqalli bl-isem ta' Manuelo Santo,, u dan spjegalu illi huwa kien ħallas erbgħin euro (€ 40) lill-imputat sabiex jixtri tlett (3) grammi kannabis mingħandu. Il-flus tahomlu bħala żewġ karti tal-għoxrin euro. Iż-żewġ persuni l-oħra ħa ħsiebhom PC 446 iżda wara li

saret tfittxija fuqhom dawn ġew rilaxxjati stante illi ma rriżulta li ma kellhom xejn fuqhom. Peress illi kien hemm każ suspettat ta' traffikar ta' droga kemm l-imputat u kemm it-Taljan ttieħdu l-Għassa ta' San Ġiljan. Saret tfittxija sħiħa fuq l-imputat minn PS 649 Joseph Buhagiar u minn din it-tfittxija nstab *wallet* b'żewġ *sim cards* u xi flus kontanti (ritratt tagħhom esebit bħala Dok JP1[2]) kif ukoll ħamest iqratas ta' droga (ritratt tagħhom u tal-ħaxixa li nstabet fil-pussess tal-imputat esebit bħala Dok JP2) u fil-but ta' wara tal-imputat instabu ukoll żewġ karti ta' għoxrin euro 'l wieħed.

Fl-Għassa wara li ġie mgħarraf bid-drittijiet legali tiegħu l-imputat beda jinsisti li l-ħaxixa ma kienetx tiegħu. PS 525 insista però illi huwa sabha f'idu fil-mument li kien ħa jtiha lil Emanuele Santo. In kontroeżami PS 525 stqarr illi mal-art ma nstabet l-ebda droga u reġa kkonferma li l-ħaxixa kienet f'idejn l-imputat. Ikkonferma ukoll li kien hu li daħħal ir-rapport tal-okkorrenza liema rapport ġie esebit bħala Dok D a fol 14-15 tal-proċess. Stqarr illi huwa ma rax lill-Isqalli jgħaddi xi flus lill-imputat però ra l-ħaxixa f'idejn l-imputat u ra lill-Isqalli b'idu miftuħa lest biex jieħu l-borża.

4. Wara PS 525 xehed fl-istess seduta **PC 446 Joseph Mifsud** li qal li fl-24 ta' Awwissu 2023 kien *night watch* fil-pjazza ta' Paceville viċin l-istabbiliment *Burger King* flimkien ma' PS 525 Johan Parnis. F'xi ħin u ċioe għal xi nofs il-lejl jew il-kwarta s-surġent qallu biex jagħmlu *patrol* minn fejn il-*Burger King* direzzjoni lejn l-Għassa. Filwaqt li kienu mixjin, fuq il-bankina tan-naħa tax-xellug raw erbgħa suspettużi u marru fuqhom. Tnejn kienu bilwieqfa u tnejn kienu bilqiegħda fosthom l-imputat li huwa seta' jagħraf fl-awla u t-Taljan. Is-surġent mar fuq l-imputat u ħadlu pakkett trasparenti b'xi ħaġa li dehret li kienet ħaxixa iżda l-imputat beda jinsisti mill-ewwel li din ma kienetx tiegħu. Fil-but tal-imputat ħarġu ukoll xi qratas li kellhom trab abjad. Ix-xhud għamel tfittxija fuq iż-żewġ persuni li kienu bilwieqfa, wieħed minnhom Malti u l-ieħor ta' karnaġġjon skur u meta din rriżultat fin-negattiv huwa bagħthom 'l hemm. Huwa sema' lit-Taljan jgħid lis-Surġent illi huwa kien ħallas lill-imputat erbgħin euro. Ikkonferma li l-borża bl-allegat ħaxixa esebita bħala Dok J kienet dik li ra li kellu l-imputat f'idu. Ikkonferma ukoll illi l-qratas b'sustanza bajda li huma esebiti bħala Dok I kienu fil-but tal-imputat.

5. Fl-istess seduta, ossia dik tal-5 ta' Settembru 2023, id-difiża formalment iddikjarat illi kienet qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq prova dwar id-distanza ta' mitt metru "*mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ*" għall-finijiet tas-sitt imputazzjoni.[3]

[2] Fol 33
[3] Fol 32

6. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023 xehed **PS 649 Joseph Buhagiar** li qal illi fl-24 ta' Awwissu 2023 għall-ħabta ta' 12.20am huwa kien l-Għassa ta' San Ġiljan meta rrappurtaw ġewwa l-istess għassa PS 525 u PC 446 li magħhom kien hemm l-imputat li kien qed jinżamm taħt arrest. Huwa wettaq tfittxija fuq l-imputat u fil-but ta' wara sab kartiera li kellha xi flus filwaqt li separatament mill-kartiera kien hemm żewġ karti ta' għoxrin euro li kienu mgħaffġin flimkien ma karta tal-ħames euro li kienet mgħaffġa.

7. Fl-istess seduta xehed l-espert **Dr. Godwin Sammut**, spiżjar, li kien ġie maħtur mill-Qorti sabiex jirrelata dwar is-sustanza esebita bħala Dok I u Dok J. Huwa ppreżenta bil-ġurament ir-rapport tiegħu a fol 44 sa 56. Saru eżamijiet fuq l-esebiti għall-preżenza tad-droga u ċioe permezz tal-GC/MS (*Gas chromotagraphy/mass spectrometry)* li minnha rriżulta illi fir-rigward ta' Dok I (riferenza tal-esebit K/B/213/2023) il-ħamest iqratas b'sustanza bajda kienet id-droga **kokaina** li kellha piż totali ta' 0.96 grammi (il-qratas kienu ta' 0.18g, 0.18g, 0.21 g, 0.2 g u 0.19 g rispettivament) u kellha purita' ta' 35%. Fir-rigward ta' Dok J irriżulta illi s-sustanza kienet *buds* tat-***Tetrahydrocannabinol (THC).*** Il-piż totali tal-*buds* kienet ta' 3.51 grammi u l-purita' kienet ta' 5.5%.

8. Fl-istess seduta xehed mill-ġdid l-**Ispettur Keith Xerri** li ppreżenta vera kopji ta' żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat, ossia dik tas-26 ta' Settembru 2018 minn din il-Qorti diversement presjeduta (Onor. Maġistrat Dr. Charmaine Galea)[4] u dik tas-16 ta' Settembru 2022 minn din il-Qorti diversement presjeduta (Onor. Maġistrat Dr. Ian Farrugia)[5]. Huwa kkonferma li l-involviment tiegħu fil-każ in kwistjoni kien illi ltaqa' mal-imputat u ħadlu stqarrija fl-24 ta' Awwissu 2023. Din saret bil-lingwa Ingliża u l-imputat ikkomunika tajjeb ħafna magħhom bil-lingwa Ingliża u qatt ma staqsa għal interpretu. Ikkonferma illi kemm qabel l-istqarrija tal-imputat u anke matulha huwa kien kellem personalment lit-Taljan Emanuele Santo li kien preżenti fl-Għassa tal-Pulizija.

9. Finalment fl-istess seduta xehdet **Yesenia Maria Pace**, Deputat Reġistratur f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali fir-rigward tas-sentenzi li kienu għadhom kemm ġew esebiti mill-Ispettur Xerri. Fir-rigward tas-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018 ikkonfermat li minnha ma kienx hemm appelli u li fit-28 ta' Frar 2019 il-multa li kienet ngħatat f''dik is-sentenza ġiet konvertita fi priġunerija.[6] Dwar is-sentenza tas-

[4] Dok KS1 a fol 57-58
[5] Dok KS2 a fol 59-61
[6] Dok KSX1 a fol 62-63

16 ta' Settembru 2022 hija qalet illi minnha ma kienx hemm appell u lanqas ma kienet ġiet imposta xi multa bħala parti mis-sentenza.

10. Il-Prosekuzzjoni esebiet *inter alia* ir-rapport tal-okkorrenza bħala Dok D[7] kif ukoll l-istqarrija tal-imputat bħala Dok E[8]. Fir-rapport tniżżel fost oħrajn is-segwenti:

- "*In the hands of the suspect OMAR ISMAIL ABDIMALIK ... a transparent bag with an amount of cannabis was found in it....*"
- *"PS 525 asked MANUELE SANTO what he gave to the man next to him and immediately admitted that he gave him EUR 40 for 3g of cannabis..."*
- *"OMAR ISMAIL ABDIMALIK was informed that he was under arrest for drug trafficking and a search in the pockets resulted in 5 small sachets with white substance were found in the right front pocket."*
- *"At the station ... a thorough search was done on the person of OMAR ISMAIL. A black wallet was found containing 4 notes x EUR 50, 2 notes x EUR 20, 2 notes x EUR 10, 1 note x EUR 5 and a SIM Card. In the rear pocket 2 notes x EUR 20 and 1 note x EUR 5 and another sim card in the right front pocket."*
- *"The divisional police namely PC 665 and PC 878 conducted a search in the presence of Omar Ismail Abdilmalik at his residence 117, Triq il-Kbira, Gudja. From there the police seized a blue smoking pipe ..."*

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr illi huwa ilu Malta għal xi għaxar snin. Huwa ilu jieħu d-droga għal xi tlett snin però ma riedx jikkummenta fuq xi droga jieħu. Huw ammetta illi l-ħamest iqratas bis-sustanza bajda kienu tiegħu iżda l-ħaxixa ma kienetx tiegħu iżda kienet tal-Malti li xtara l-kokajina mingħandu. Huwa insista li l-flus li kellu fuqu kienu l-flus tal-kera u ma kienux introjtu mill-bejgħ ta' droga.

*Provi tad-Difiża*

11. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023 xehed l-imputat **<u>Omar Ismail Abdimalik</u>** li spjega illi fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu 2023 huwa kien qiegħed jipprova jsib lil xi ħadd li seta' jħallaslu l-kera tal-post fejn kien qiegħed jgħix bil-mezz tar-*Revolut,* filwaqt l-imputat jħallsu flus *cash* dak il-ħin stess. Kien il-*landlord* stess illi talab lill-imputat sabiex jgħaddilu l-kera bir-*Revolut*. Huwa xorob xi ftit u kien xtara ukoll il-kokajina peress li jpejjipha. Huwa xtara l-kokajina dakinhar stess mingħand wieħed Malti li kien jaf lil ħabib tiegħu. Huwa xtraha bil-prezz ta' tmenin euro (€80) u ingħata l-kokajina f'ħamest iqratas. Filwaqt li l-Malti li biegħlu l-kokajina kien qiegħed ħdejh, għadda Taljan u waqqfu sabiex jistaqsih minn fejn seta' jixtri l-ħaxixa. Il-Malti qallu li kellu l-ħaxixa għall-bejgħ u ftehmu fuq prezz ta' erbgħin euro. Dak il-

[7] A fol 14-16
[8] A fol 17-19

ħin ġew il-Pulizija u sabuhom kollha flimkien. Huwa insista illi fuq il-Malti l-Pulizija sabu ukoll il-ħaxixa imma imbagħad bdew jgħidu li din kienet tal-imputat u ħallewh jitlaq lill-Malti. Insista illi l-*bodycam footage* għandu turi li huwa qiegħed jgħid il-verità. Insista ukoll illi kienu ħamsa min-nies u mhux erbgħa u li dan il-fatt jista jiġi vverifikat mill-filmati tal-*bodycam.* Huwa qal li meta l-Pulizija fittxew fir-residenza tiegħu huma ma sabu xejn ħlief pipa sabiex ipejjep l-kokajina. Huwa qal li jixtri d-droga xi darba darbtejn fix-xahar.

**Huwa insista illi l-Malti għadda l-ħaxixa lilu u huwa għaddiha lit-Taljan. Meta t-Taljan qallu illi ma kienx hemm *two grams* l-imputat qallu sabiex ikellem lill-Malti u mhux lilu.**

L-imputat insista ukoll illi kienu l-Pulizija li qabdu żewġ karti ta' għoxrin euro-il wieħed mill-*wallet* tiegħu u sseparawhom mill-bqija tal-flus l-oħra sabiex jgħidu li dawn kienu tad-droga li allegatament biegħ.

*Filmati tal-bodycam*

12. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023 ġew ippreżentati b'ordni tal-Qorti fuq DVD immarkat bħala Dok MT1[9] il-filmati meħuda mill-*body worn cameras* ta' PC 446 u PS 525 fil-ħin tal-allegat reati.

*Kunsiderazzjoni*

13. Fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, jirriżulta lill-Qorti minimament, għax hekk ammetta l-imputat, illi dan tal-aħħar kellu temporanjament il-pussess tal-borża bil-ħaxixa meta huwa ġabarha mill-Malti li kien qiegħed ħdejh u li allegatament biegħ dik id-droga, u għaddiha lil Emanuele Santo li kien qiegħed fuq in-naħa l-oħra tiegħu. Kemm PS 525 u kemm PC 446 xehdu illi huma raw lill-imputat jgħaddi l-borża bil-ħaxixa lil Santo. Dan tal-aħħar xehed ukoll u kkonferma illi huwa xtara l-ħaxixa mingħand l-imputat u li kien filfatt ħallsu erbgħin euro (€ 40) f'żewġ karti ta' għoxrin euro-il wieħed. Irriżulta ukoll illi fil-but tal-imputat, separatament mill-*wallet* tiegħu kien hemm apparti karta tal-ħames euro, żewġ karti ta' għoxrin euro-il wieħed li kienu mgħaffġin. Huwa minnu illi mill-filmat tal-*bodycam* irriżulta illi f'ħin minnhom waqt li kien fl-Għassa, PS 525 wera li kien dubjuż fuq min kien (bejnu u bejn PC 446) li sab il-ħaxixa u għand min sabuha, f'liema punt PC 446 wieġbu li kien PS 525 stess li sabha u li din kienet f'idejn l-imputat. Id-difiża argumentat fit-trattazzjoni finali tagħha illi din l-inċertezza espressa minn PS 525 tixħet dubju fuq kemm l-imputat qatt kien fil-pussess tal-ħaxixa. Madanakollu l-Qorti tqis li dawn id-dubbji ġew issorvolati mill-imputat innifsu meta minkejja li

[9] Fol 58

mill-bidu nett u *a tempo vergine* saħaq illi l-ħaxixa ma kienetx tiegħu u ma kellux x'jaqsam mat-traffikar tagħha, fix-xhieda tiegħu huwa stqarr illi l-ħaxixa għaddihilu l-Malti li kien xtara l-kokajina mingħandu sabiex jgħaddiha lil Emanuele Santo li kien ħdejh.

14. Skond l-Art 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'22. (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza ...'**

15. Kif intqal mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Simon Xuereb** (Rif 15/2023, Sentenza Parzjali, 05/01/2004 per Imħallef Joseph Galea Debono):

> *"It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi ... kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu"*

16. Għalhekk anke jekk il-Qorti tasal biex tiskarta x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija u ta' Emanuele Santo (flimkien mas-sejbien taż-żewġ karti ta' għoxrin euro fil-but tal-imputat) u tagħżel li temmen minflok it-teżi tal-imputat, u ċioe illi kien il-Malti li ftiehem ma Emanuele Santo sabiex ifornilu l-ħaxixa u li hu ma kienx parteċipi għal dan il-bejgħ, xorta waħda jirriżulta ppruvat illi l-imputat kien preżenti waqt li saret id-*deal*, raha tiġri quddiem għajnejh (tant illi ftakar mhux biss il-prezz tal-ħaxixa iżda anke dak li qallu t-Taljan dwar il-piż tagħha) u b'mod kruċjali pparteċipa fiha meta għadda l-borża bil-ħaxixa lit-Taljan. Il-fatt illi dan l-att kien wieħed ta' ftit sekondi ma jnaqqas xejn mill-volontarjeta' tiegħu u mix-xjenza li kellu l-imputat dwar dak li kien qiegħed jgħaddi minn idu għal id it-Taljan.

17. Għalhekk il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata sa fejn jirrigwarda t-traffikar tad-droga *cannabis*. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet naturalment huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni billi *il piu' comprende il meno.*

18. Fir-rigward tar-raba' u l-ħames imputazzjoni, ċioe dwar il-pussess sempliċi jew aggravat tad-droga kokajina, l-imputat ammetta kemm fl-istqarrija tiegħu u kemm

fix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti illi l-ħamest iqratas li nstabu fil-pussess tiegħu kien xtrahom dakinhar stess mingħand il-Malti għall-prezz ta' tmenin euro (€80) u li dawn kienu għall-użu personali tiegħu. Fix-xhieda tiegħu stqarr ukoll (xi ħaġa li m'għamilx fl-istqarrija) illi huwa jixtri l-kokajina xi darba darbtejn fix-xahar meta jkollu l-flus. Sostna illi huwa jpejjep il-kokajina u li filfatt fit-tfittixija li għamlu fid-dar tiegħu l-Pulizija sabu biss il-pipa li kien ipejjep fiha l-istess kokajina.

19. Il-punt in kontestazzjoni għalhekk m'huwiex jekk l-imputat kienx fil-pussess jew le ta' din is-sustanza, iżda jekk il-pussess tas-sustanza kienx unikament intiż għall-użu personali tal-imputat, kif jikkontendi hu, jew jekk il-pussess kienx wieħed aggravat, kif tikkontendi l-Prosekuzzjoni.

20. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għas-sentenzi ċitati minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Yemane Teklom Zerislase** (per Maġistrat, illum Imħallef, Natasha Galea Sciberras, Kawża Nru 120/17 deċiża fit-2 ta' Mejju 2018) fejn ingħad is-segwenti:

> *"Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:*
>
> *Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*
>
> *In oltre kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tat-23 ta' Mejju 2002, fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*
>
> *U kif inghad fis-sentenza tal-istess Qorti tas-17 ta' Frar 1997, fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:*

> *" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

21. Il-Qorti tqis illi f'dan il-każ l-imputat instab fil-pussess ta' ħamest iqratas ta' trab tal-kokajina b'total ta' 0.96 grammi, liema sustanza kienet ta' purita' ta' 35%. L-ammont huwa wieħed relattivament żgħir u għalkemm id-droga instabet ippakkjata fi qratas lesti għal konsum madanakollu u minkejja li l-imputat kellu madwar tlett mitt euro (€ 300) fil-*wallet* tiegħu (liema ammont huwa qal illi kien jirrappreżenta l-kera li kellu jħallas lill-*landlord* tiegħu), l-Qorti hija sodisfatta fuq bażi ta' probabilita`, anke fid-dawl ta' nuqqas ta' provi oħra bħal per eżempju nuqqas ta' sejbien ta' xi *drug paraphernalia* jew ammonti oħra ta' kokajina fir-residenza tal-imputat (fejn kull ma nstab kienet pipa ta' kulur blu, li skond l-imputat kien jużaha sabiex ipejjep l-istess kokajina) illi din kienet tabilħaqq esklussivament għall-użu personali tiegħu.

22. Għalhekk il-Qorti filwaqt li m'hijiex ser issib ħtija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, tqis illi l-ħames waħda ġiet sodisfaċentement ippruvata.

23. Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, ċioe l-aggravanti tal-kommissjoni tar-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club,* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ, il-Qorti tqis illi apparti mill-fatt illi mix-xhieda prodotta rriżulta b'mod ċar illi l-allegat reati seħħew fil-qalba ta' Paceville, post frekwentat minn ħafna żagħżagħ, id-difiża stess eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' provi f'dan ir-rigward fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2023[10]. Għalhekk din is-sitt imputazzjoni tirriżulta ukoll pruvata.

24. Dwar is-seba' imputazzjoni ossia' l-addebitu tar-reċidiva, l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat illi huwa sar reċidiv "*b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Imħallef Dr Giovanni M. Grixti LL. D nhar il-1 ta' Ottubru 2020, u mil-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D nhar is-16 ta Settembru 2022".* Fil-kors tal-kawża l-Prosekuzzjoni esebiet (i) is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Giovanni M. Grixti fl-1 ta' Ottubru 2020[11], (ii) is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr.

---

[10] Fol 32
[11] Fol 34

Charmaine Galea fis-26 ta' Settembru 2018[12] u (iii) is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Ian Farrugia fis-16 ta' Settembru 2022[13]. Is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018 m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti in kwantum ma ġietx espressament ċitata mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjoni nnifisha. Fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Ottubru 2020 il-Qorti tosserva illi għalkemm ġie ippruvat li din ingħatat fil-konfront tal-imputat, madanakollu ma tressqet l-ebda prova illi l-istess sentenza ma sarx appell minnha u li għaddiet in ġudikat. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena. Għalhekk il-Qorti hija tenuta ukoll illi ma tqisx din is-sentenza għall-finijiet tas-sejbien ta' ħtija *o meno* tar-reċidivita'. Mhux l-istess jista' jingħad dwar is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2022 mogħtija fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti, presjeduta mill-Maġistrat Ian Farrugia, peress illi fir-rigward tagħha telgħet tixhed id-Deputat Reġistratur li kkonfermat illi din is-sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat.

25. Għalhekk din is-seba' imputazzjoni tirriżulta ppruvata ukoll limitatament però fejn jirrigwarda s-sentenza ta' din il-Qorti diversement presjeduta mogħtija fis-16 ta' Settembru 2022.

26. Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat[14] (li tinkludi *inter alia* kundanna waħda dwar pussess aggravat tal-*cannabis*) kif ukoll l-addebitu ppruvat tar-reċidiva (f'liema rigward il-Qorti però m'hijiex ser tapplika żieda bi grad) u ċ-ċirkustanzi aggravanti tal-proviso taħt l-Art. 22(2)(b)(ii) li jirrikjedi ż-żieda ta' grad għall-piena applikabbli. Qed tqis ukoll in-natura serja tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Art. 8(a), 8(d), 8(e), it-Taqsimiet IV u VI, l-Art 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 17(h), 31(1)(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru erbgħa (4) filwaqt li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), ħamsa (5), sitta (6) u seba' (7) (limitatament għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru 2022) u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sittax-il xahar flimkien ma' multa ta'**

---

[12] Dok KS1 a fol 57-58
[13] Dok KS2 a fol 59-61
[14] Fol 22

**tmien mitt euro (€ 800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.**

**Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' tlett mija tmienja u tletin euro u seba' u erbgħin ċenteżmu (€338.47), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.**

**Il-Qorti tordna r-rilaxx favur il-ħati tal-*Black Tommy Hilfiger Wallet, 2 x Epic Sim Cards*, u s-somma ta' € 300 formanti parti minn Dok H. Tordna l-konfiska tas-somma ta' € 40 formanti parti minn Dok G favur il-Gvern.**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok I u J hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**